**Laqgha Numru 17/K6/2012**

**Introduzzjoni**

Is-Sbatax il-Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2012 li saret nhar l-Erbgha 18 ta' April 2012.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fil-5.30 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ***(li wasal fil-5.49pm)*** u l-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Kunsillier Lauro Fava kien skuzat. **(Ara Dok. A)**

Ghall-partijiet mill-laqgha kien hemm ukoll il-prezenza ta' l-accountant tal-Kunsill.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fil-11 ta' April 2012. L-Agenda kienet:

01. **Approvazzjoni tal-Minuti 12/K6/2012.**
02. **Punti li johorgu mill-Minuti 12/K6/2012.**
03. **Approvazzjoni tal-Minuti 13/K6/2012.**
04. **Punti li johorgu mill-Minuti 13/K6/2012.**
05. **Approvazzjoni tal-Minuti 14/K6/2012.**
06. **Punti li johorgu mill-Minuti 14/K6/2012.**
07. **Approvazzjoni tal-Minuti 15/K6/2012.**
08. **Punti li johorgu mill-Minuti 15/K6/2012.**
09. **Approvazzjoni tal-Minuti 16/K6/2012.**
10. **Punti li johorgu mill-Minuti 16/K6/2012.**
11. **Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.**
12. **Komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsilliera.**
13. **Mistoqsijiet.**
14. **Korrispondenza.**
15. **Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.**
16. **Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.**
17. **Rapport Finanzjarju Qrt. 1 Jannar – Marzu 2012.**

18. **Kwotazzjoni 30/2011 u 05 sa 17/2012.**
19. **Approvazzjoni tal-kontijiet.**
20. **Materji ohra.**

## 01. Approvazzjoni tal-Minuti 12/K6/2012.

1.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 12/K6/2012 kif ipprezentati.

1.02. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

1.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Punti li johorgu mill-Minuti 12/K6/2012.

2.01. B'riferenza ghall-Minuti 12/K6/2012 item 2.02, ghall-Minuti 11/K6/2012 item 4.02, ghall-Minuti 08/K6/2012 item 4.02, ghall-Minuti 03/K6/2012 item 2.02, ghall-Minuti 29/K6/2011 item 2.03, ghall-Minuti 28/K6/2011 item 2.12 u ghall-Minuti 27/K6/2011 item 6.24 fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona li l-Kunsill ghandu jara xi spejjez hemm bzonn biex jithadmu l-kompjuters li l-Kunsill ircieva minghand l-MCA, ***is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li x-xoghol tas-sapport b'dawn il-hadid ghadu qed isir u jispera li jkun lest sa qabel laqgha ohra tal-Kunsill.***

2.02. B'riferenza ghall-Minuti 12/K6/2012 item 2.10, ghall-Minuti 11/K6/2012 item 4.07, ghall-Minuti 08/K6/2012 item 4.11 u ghall-Minuti 03/K6/2012 item 10.01 fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet ipproponiet li fil-gimghat li gejja ssir attivita' edukattiva bi zjara fil-Gnien tal-Palazz Sant'Anton u l-Kċina tal-Palazz kif ukoll ipproponiet li l-bilanc pozittiv minn din l-attivita' u attivitajiet ohra simili li ser isiru tul is-sena 2012 ghandhom imorru ghall-Istrina kif ukoll inluz li fl-ahhar laqgha tal-Kunsill, ***il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat infurmat lill-Kunsill li d-dettalji ser jigu kkonfermata fil-jiem li gejja.***

2.03. B'riferenza ghall-Minuti 12/K6/2012 item 2.12, ghall-Minuti 11/K6/2012 item 4.17, ghall-Minuti 08/K6/2012 item 14.55 u korrispondenza numru 46/0687/12/I (Ittra mill-Parks Department fejn b'riferenza ghall-ittra li baghat il-Kunsill dwar qlugh ta' sigar tac-cipress informa lill-Kunsill li hemm bzonn il-permess bil-miktub tal-MEPA izda tajjeb li l-Kunsill jiehu l-parir mill-Ufficjal ta' l-Agrikoltura sabiex jinforma lill-Kunsill bl-ahjar zmien), fejn is-Sindku Joe Zammit kien informa lill-Kunsill li kien ser jivverifika mar-residenta koncernata dwar x'jista' jsir, kif ukoll fejn is-Sindku Joe Zammit kien informa lill-Kunsill li mar darbtejn id-dar ikellem lis-sinjura izda ma kienetx hemm u ser jerga' jipprova, ***is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li kien tkellem mas-sur Salafia fejn infurmah li huwa ser iwassal dawn is-sigar lill-Kunsill biex eventwalment jithawlu f'xi post fil-lokal.***

2.04. B'riferenza ghall-Minuti 12/K6/2012 item 2.15, ghall-Minuti 11/K6/2012 item 12.80 u ghall-korrispondenza numru 46/1809/12/I fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona biex il-Kunsill japprova din in-nefqa, ***is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li l-kuntrattur ghad irid jissottometti l-applikazzjoni lill-Korporazzjoni Enemalta qabel din tkun approvata mill-istess Korporazzjoni.***

2.05. B'riferenza ghall-Minuti 12/K6/2012 item 6.34 u ghall-korrispondenza numru **46/2180/12/I** fejn is-Sindku Joe Zammit kien ippropona biex jigi iffirmat il-ftehim ma'

Zum Coop Ltd. halli jitkompla x-xoghol fuq iz-zewg programmi anke wara li l-Kunsill sema' lill-Avukat tal-Kunsill fuq din il-materja u dan dejjem jekk Zum Coop jipprovdu l-materjal kollu sal-Gimgha 30 ta' Marzu 2012, (Hawn sar komunikat bit-telefon mas-Sur Lawrence Attard fejn ikkonferma li l-materjal kollu pendenti kien ser ikun lest), ***is-Sindku Joe Zammit irrimarka li ghad fadal xoghol li ghadu pendenti.***

2.06. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li l-Kunsill ghandu jikkunsidra huwiex ghaqli li l-Kunsill ikompli bix-xoghol jekk mhux ser ikun hemm progress minnaha ta' Zum Coop Ltd.

***2.07. Fil-5.41pm, is-Sindku Joe Zammit talab li jigi skuzat u halla l-kamra.***

***2.08. Peress li ma kienx hemm quorum, il-laqgha giet sospiza.***

***2.09. Is-Sindku Joe Zammit u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli waslu fil-5.49pm.***

***2.10. Il-laqgha tkompliet fil-5.49pm.***

2.11. B'riferenza ghall-Minuti 12/K6/2012 item 8.04 fejn il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat kienet ipproponiet l'issir attivita' fil-format t'ikla ta' nofsinhar ghal Jum l-Omm nhar il-Gimgha 11 ta' Mejju 2012, liema attivita' ghandha ssir fil-Bar tal-klabb Pembroke Athleta kif ukoll l'issir attivita' ghal Jum l-Ewropa nhar il-Hadd 6 ta' Mejju 2012, ***il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li decizjoni dwar dan ser tittiehed aktar tard fil-laqgha.***

## 03. Approvazzjoni tal-Minuti 13/K6/2012.

3.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 13/K6/2012 kif ipprezentati.

3.02. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

3.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 04. Punti li johorgu mill-Minuti 13/K6/2012.

4.01. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li ma kien hemm xejn pendenti minn din il-laqgha.

## 05. Approvazzjoni tal-Minuti 14/K6/2012.

5.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 14/K6/2012 kif ipprezentati.

5.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

5.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 06. Punti li johorgu mill-Minuti 14/K6/2012.

6.01. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li ma kien hemm xejn pendenti minn din il-laqgha.

## 07. Approvazzjoni tal-Minuti 15/K6/2012.

7.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 15/K6/2012 kif ipprezentati.

7.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

7.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 08. Punti li johorgu mill-Minuti 15/K6/2012.

8.01. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li ma kien hemm xejn pendenti minn din il-laqgha.

## 09. Approvazzjoni tal-Minuti 16/K6/2012.

9.01. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti riferenza 16/K6/2012 kif ipprezentati.

9.02. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

9.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 10. Punti li johorgu mill-Minuti 16/K6/2012.

10.01. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li ma kien hemm xejn pendenti minn din il-laqgha.

## 11. Tqeghied ta' dokumenti u rapporti.

11.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill **Internal Memo 035/2012** b'rapport tal-laqgha li saret mad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali **(Ara Dok. B); Internal Memo 036/2012** b'rapport tal-laqgha li saret ma' l-Awtorita' tad-Djar dwar diversi skemi **(Ara Dok. C); Internal Memo 037/2012** b'rapport tal-laqgha li saret ma' rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali **(Ara Dok. D); Internal Memo 038/2012** b'rapport tal-laqgha li saret mas-sur Robert Galea **(Ara Dok. E); Internal Memo 039/2012** b'rapport tad-dhul u hrug li kien hemm fl-attivita' tal-Coffee morning li sar fil-Great Dane **(Ara Dok. F); Internal Memo 040/2012** b'rapport tad-dhul u hrug li kien hemm fl-attivita' tal-Coffee morning li sar fil-Pembroke Athleta **(Ara Dok. G); Internal Memo 041/2012** b'rapport tad-dhul u hrug li kien hemm fl-attivita' ta' Hamis ix-Xirka **(Ara Dok. H); Internal Memo 042/2012** b'rapport tal-ftuħ ta' Kwotazzjonijiet 05 sa 17/2012 **(Ara Dok. I); Internal Memo 043/2012** b'rapport ta' laqghat li saru bejn laqgha 12/K6/12 u 18/K6/12 **(Ara Dok. J); Internal Memo 044/2012** b'rapport t'azzjonijiet mehuda bejn laqgha riferenza 12/K6/2012 u 18/K6/2012 **(Ara Dok. K);** u Flyer dwar Story Telling ghat-Tfal u Diskussjonijiet ghar-residenti dwar is-sahha **(Ara Dok. L u M).**

11.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona sospenzjoni ta' l-agenda biex tigi diskussa item 17 qabel l-items l-ohra.

11.03. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

11.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 17. Rapport Finanzjarju Qrt. 1 Jannar – Marzu 2012.

17.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju ghall-perjodu Jannar – Marzu 2012. **(Ara Dok. N)**

17.02. Is-Sindku Joe Zammit talab lill-Accountant Romina Perici Ferrante biex tispjega r-rapport finanzjarju.

17.03. Wara l-ispjegazzjoni li saret, is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tar-rapport finanzjarju ghall-perjodu Jannar – Marzu 2012 kif ipprezentat.

17.04. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

17.05. Il-Kunsill qabel unanimament.

17.06. Fis-6.00pm is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-laqgha tigi sospiza.

17.07. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

17.08. Il-Kunsill qabel unanimament.

***17.09. Il-laqgha giet sospiza fis-6.00pm.***

***17.10. Il-laqgha tkompliet fil-6.45pm***

17.11. Is-Sindku Joe Zammit irringrazzja lill-Accountant Romina Perici Ferrante u talabha biex thalli l-kamra.

## 12. Komunikazzjonijiet mis-Sindku u l-Kunsilliera.

12.01. Is-Sindku Joe Zammit irrefera lill-Kunsill ghat-tqeghied tad-dokumenti ndikati taht item 11.

## 13. Mistoqsijiet.

13.01. Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet is-Sindku Joe Zammit ghadda ghas-suggett li kien imiss.

## 14. Korrispondenza.

14.01. Fuq il-mejda tal-Kunsill qabel u waqt il-laqgha, kien hemm esebiti l-kontijiet, l-ilmenti u l-korrispondenza kollha li dahlet u harget bejn it-28 ta’ Marzu u t-18 ta’ April 2012 u dan ghas-sodisfazzjon tal-Kunsilliera.

| | |
|---|---|
| **46/2282/12/I**<br>20/03/2012<br>**46/2385/12/I**<br>23/03/2012 | Rapport minghand il-Bord ta’ Governanza dwar rapport li l-Kunsill ghamel fuq il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli fejn dan instab hati li kiser Artiklu 17 u Artiklu 24 tal-Kodici t’Etika. |

14.02. B’riferenza ghall-korrispondenza numri **46/2282/12/I u 46/2385/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

14.03. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat pproponiet li l-Kunsill ghandu jistaqsi lill-Bord ta’ Governanza jekk humiex ser jittiehdu xi passi fil-konfront tal-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u dan sabiex il-kaz ikun jista’ jinghalaq u mhux jibqa’ pendenti. Il-kelliema

talbet li jekk il-Kunsill ma jircievi ebda risposta, dan is-suggett jerga' jitressaq fil-laqghat li jmiss tal-Kunsill.

14.04. Ma kienx hemm sekondant ghal din il-proposta.

14.05. Is-Sindku Joe Zammit irrimarka li l-Bord huwa awtorita' fuq il-Kunsill u sta ghall-Bord jew il-persuna koncernata li jara x'ghandu jsir.

14.06. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli irrimarka li s'issa m'inghata ebda direttiva minghand il-Bord ta' Governanza. Il-kelliem irrimarka wkoll li fil-jiem li ghaddew rega' deher quddiem il-Bord fuq l-akkuzi li hemm fuq xoghlijiet li saru f'Juno Flats. Il-kelliem ghamel riferenza ghall-Konferenza ta' l-ECAD li ser jattendi bhala rapprezentant tal-Kunsill, fejn talab li l-Kunsill jipprovdilu kopja tal-biljett ta' l-ajru u estratt tal-Minuti fejn hemm deciz li ser jirrapprezenta lill-Kunsill.

***14.07. Fis-7.10pm il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli talab li jigi skuzat u halla l-kamra.***

**46/2513/12/I** 29/03/2012 Email minghand l-FTZ fejn b'riferenza ghall-emails li baghat il-Kunsill informa lill-Kunsill li qed jahdem fuq il-claims u d-dokumenti pendenti u ser jissottomettihom sa nhar il-Gimgha 30 ta' Marzu.

14.08. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2513/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2525/12/I** 29/03/2013 Ilment minghand is-sinjura Josephine Catania tilmenta li ma tistax tidhol id-dar taghha waqt il-hinijiet tad-dhul u l-hrug tat-tfal ta' l-iskola u qed titlob li r-residenti misshom gew ikkonsultata.

14.09. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2525/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-Kunsill kien informa lil din is-sinjura li kienu saru laqghat mar-residenti taz-zona u sahansitra l-Kunsill anke talab ghan-nom taghhom biex l-awtoritajiet kompetenti (TM) tohrog permess lil dawn ir-residenti biex ikunu jistghu jghaddu waqt dawn il-hinijiet.

**46/2546/12/I** 30/03/2012 Kopja t'ittra li l-Athleta Basketball Nursery baghtu lill-KMS jitolbu li jinghataw art li hemm fi Triq Burma u Triq il-Mediterran biex jibnu facilitajiet ghall-klabb.

14.10. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2546/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ghandu joggezzjona ghal din it-talba minhabba li l-Kunsill ghandu l-hsieb l'issir nursery tal-pjanti, fejn fuq dan kienu saru anke laqghat m'ufficjali tal-Ministru George Pullicino fosthom mas-sur Charles Cesare, kif ukoll li fejn hemm il-girna, ghandu jibqa' post miftuh ghad-divertiment tal-familja.

14.11. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

14.12. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2552/12/I** 02/04/2012 Email mill-OSDDT fejn informaw lill-Kunsill biex sa 6 t'April nibghatu d-dokumenti kollha li talbu.

14.13. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2552/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2596/12/O** 02/04/2012 **46/2919/12/O** 13/04/2012 Il-Kunsill baghat ittra lill-avukat Dr. Luciano Busuttil fejn staqsa jekk kuntratturi li tefghu offerti, liema offerti jinsabu f'appell jistghux ikunu kkunsidrata kemm il-darba l-Kunsill johrog xoghol b'urgenza sakemm jinqata' l-appell.

| | |
|---|---|
| **46/2926/12/I**<br>13/04/2012 | Risposta minghand l-Avv. Luciano Busuttil jinforma lill-Kunsill l'idejalment il-Kunsill ma jagħzilx mill-kuntratturi li tefghu l-offerti izda johrog offerti godda. |
| **46/2737/12/I**<br>05/04/2012<br>**46/2922/12/I**<br>13/04/2012 | Email minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn b'riferenza ghall-parir li talab il-Kunsill dwar il-kuntratt ta' tindif fil-lokal informa lill-Kunsill li l-Kunsill ghandu johrog sejha ghall-kwotazzjoni kull xahrejn u dan sakemm jinqata' l-appell. |
| **46/2738/12/O**<br>05/04/2012 | Email li l-Kunsill baghat id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn il-Kunsill irrisponda ghall-email li baghat dwar il-kuntratt ta' tindif fil-lokal. F'din l-email il-Kunsill informa lid-Dipartiment li ma jaqbilx mad-decizjoni minhabba li mhux process prattiku meta huwa talba ghal servizz t' emergenza. |
| **46/3061/12/I**<br>18/04/2012 | Email minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali jinforma lill-Kunsill li qed jinghata l-permes sabiex il-Kunsill johrog offerti b'urgenza ghas-servizz ta' tindif u qtugh tal-haxix, li l-kuntratt ikun ghal perjodu ta' 3 xhur u jista' jiggedded ghall-istess perjodi sa massimu ta' sena kif ukoll li huwa mportanti li l-Kunsill jiehu parir legali dwar il-klawsoli. |

14.14. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li fl-ahhar laqgha tal-Kunsill, il-Kunsill kecca lill-kuntrattur Shawn Farrugia ghax gie allegat li x-xoghol ma kienx qed isir jew ma kienx qed isir tajjeb. Il-kelliema rrimarkat li s'issa l-Kunsill ghad m'ghamel ebda kummenti negattiva fuq il-kuntrattur il-gdid Absolute Cleaners Ltd. Il-kelliema irrimarkat ukoll li x-xoghol mitlub lill-Absolute Cleaners Ltd. mhux qed isir u jekk il-Contracts Manager mhux ser jaghmel ir-rapport kif suppost, dan mhux sewwa. Il-kelliema fakret lill-Kunsill li fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Contracts Manager il-Kunsill kien approva li l-kuntratt tas-sur Shawn Farrugia ma jigix imgedded. Il-kelliema rrimarkat li jidher li spicca zmien meta s-Sindku Joe Zammit u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli jigbdu r-ritratti tax-xoghol tal-kuntratturi. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li s-Sindku Joe Zammit u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli rnexxilhom jaqilghu lill-kuntrattur Shawn Farrugia u lill-haddiem tieghu Karmenu Mazzitelli mill-Kunsill u dan biex inghata l-kuntratt lill-Absolute Cleaners Ltd.

14.15. Il-Kunsillier Joe Brincat irrimarka li jekk hemm bzonn il-Kunsill ghandu jiltaqa' mal-kuntrattur Absolute Cleaners Ltd. u mal-Contracts Manager ladarba qed jirrizulta li x-xoghol mhux qed isir kif mitlub.

14.16. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/2596/12/O, 46/2919/12/O, 46/2926/12/I, 46/2737/12/I, 46/2922/12/I, 46/2738/12/O u 46/3061/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-Kunsill jitlob il-parir ta' l-Avukat biex isiru l-ispecifikazzjonijiet legali, li l-Avukat jintalab jibghat dawn il-proposti sal-Gimgha 20 ta' April filghaxija, li eventwalment jinhargu l-offerti u jkunu ppubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern biss minhabba l-urgenza li hemm, li l-mizata ta' l-offerti tkun ta' €50.00 u li d-data ta' l-gheluq ghandha tkun nhar l-Erbgha 9 ta' Mejju 2012 fil-11.00am.

14.17. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

14.18. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.19. Fid-dawl li l-Kunsill ser jispicca minghajr servizz, is-Sindku Joe Zammit ippropona li s-servizz li kellu l-Kunsill mas-sur Shawn Farrugia ghandu jigi mgedded b'xahar iehor.

14.20. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li biex tinbidel decizjoni ezistenti tal-Kunsill trid issir rizoluzzjoni specjali, liema rizoluzzjoni trid tkun imnizzla fuq l-agenda tal-laqgha.

14.21. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li minhabba l-injoranza ta' l-elettiv tal-Kunsill li ma jarax fil-boghod, ikun ghaqli li l-Kunsill jaghmel laqgha b'urgenza biex igedded il-kuntratt tat-tindif tat-toroq.

14.22. Fid-dawl ta' dan is-Sindku Joe Zammit ippropona l'issir laqgha b'urgenza aktar tard illum stess wara li tintemm din il-laqgha tal-Kunsill.

14.23. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

14.24. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2600/12/I** 02/04/2012 Email minghand Zum Coop fejn baghtu numru ta' dokumenti tal-MedStrategy sabiex ladarba japprovhom il-Kunsill jigu aplowdjati fuq il-website.

14.25. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2600/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-Kunsill japprova dawn id-dokumenti.

14.26. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

14.27. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2611/12/I** 02/04/2012 Stedina minghand l-Iskola Sekondarja Girls Secondary (St. Andrews) ghal Jum il-Premjazzjoni.

14.28. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2611/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2636/12/I** 02/04/2012 Kwotazzjoni minghand Zarb Coaches ghal coach 53 seater ghall-prezz ta' €130 inkluz il-VAT minn Pembroke ghall-Kottonera u lura.

**46/2650/12/I** 03/04/2012 Kwotazzjoni minghand Arthur and John ghal coach 53 seater ghall-prezz ta' €100 inkluz il-VAT minn Pembroke ghall-Kottonera u lura.

**46/2657/12/I** 03/04/2012 Kwotazzjoni minghand Koptaco ghal coach 53 seater ghall-prezz ta' €100 + VAT minn Pembroke ghall-Kottonera u lura.

14.29. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/2636/12/I, 46/2650/12/I u 46/2657/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-Kunsill jirratifika l-ghazla ta' l-offerta ta' Arthur & John Ltd.

14.30. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

14.31. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat astjeniet.

14.32. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li kienet astjeniet minhabba li l-Kunsillier li qed jorganizza l-attivita', missu ppjana minn qabel sabiex ikun hemm zmien bizzejjed li d-decizjoni tkun tista' tittiehed qabel l-attivita'. Il-kelliema irrimarkat li dan huwa nuqqas ta' ppjanar tal-Kunsillier responsabbli.

**46/2655/12/I** 03/04/2012 Risposta minghand Malta Red Cross jinfurmaw lill-Kunsill li ser jiehdu hsieb li tinqata' sigra mejta li hemm fil-propjeta taghhom'.

14.33. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2655/12/I** is-Sindku Joe Zammit talab lis-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg sabiex jivverifika jekk dan ix-xoghol sarx.

14.34. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li dan ix-xoghol jidher li ghadu ma sarx.

**46/2652/12/I** 03/04/2012 Email minghand Pembroke Athleta Bar fejn baghtu zewg set menus ghall-ikla li jixtieq jorganizza l-Kunsill ghal Jum l-Omm u nformaw lill-Kunsill li l-prezz huwa ta' €20 kull persuna ghal set menu 1 u €18 kull persuna ghal set menu 2.

14.35. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2652/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2662/12/I** 03/04/2012 Ittra minghand id-Dipartiment ta' l-Investigazzjoni Kriminali ghax-xahar ta' April.

14.36. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2662/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li jekk il-Kunsilliera jhossu li hemm ghalfejn issir din il-laqgha, issir fil-Kunsill u kulhadd igib dawk il-mistoqsijiet jew kummenti li jixtieq iressaq fil-laqgha.

14.37. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jiltaqa' ma' din is-sezzjoni tal-Pulizija.

14.38. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

14.39. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2666/12/I** 03/04/2012 Ittra minghand id-Drug Squad jitolbu laqgha mal-Kunsill ghax-xahar ta' April.

14.40. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2666/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li jekk il-Kunsilliera jhossu li hemm ghalfejn issir din il-laqgha, issir fil-Kunsill u kulhadd igib dawk il-mistoqsijiet jew kummenti li jixtieq iressaq fil-laqgha.

14.41. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jiltaqa' ma' din is-sezzjoni tal-Pulizija.

14.42. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

14.43. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2685/12/I** 03/04/2012 Talba minghand l-Ghaqda Anzjani Pembroke biex nhar il-Hamis 3 ta' Mejju jaghmlu uzu mis-sala tal-Kunsill biex ikunu jistghu jaghmlu laqgha.

14.44. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2685/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-Kunsill japprova din it-talba.

14.45. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

14.46. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2717/12/I** 05/04/2012 Email li s-Segretarju Ezekuttiv baghat lis-Sindku fejn talbu biex fil-laqgha li jmiss tal-Kunsill tkun diskussa l-attendenza tal-Kunsilliera ghal-laqgha tal-Kunsill minhabba li s'issa l-Kunsillier Lauro Fava talab li jkun skuzat 9 darbiet u l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ghal 6 darbiet.

14.47. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2717/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-Kunsill jirrakomanda lill-Ministru biex il-post taz-zewg Kunsillieri (Lauro Fava u Evelyn Vella Brincat) ma jkunux iddikjarati vakanti minhabba li kull darba li kienu skuzati mil-laqghat tal-Kunsill kienu attribwiti ghal xoghol familjari, studju, mard kif ukoll okkazzjonijiet li ma kellhomx kontroll fuqhom. **(Ara Dok. O)**

14.48. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

14.49. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.50. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li kien hemm okkazjonijiet li sahansitra saru aktar minn laqgha wahda fl-istess gurnata, fosthom illum stess fejn ser isiru 3 laqghat konsekuttivi. Il-kelliema irrimarkat li hija thossha offiza li l-Kunsill ghandu jikteb lill-Ministru biex jirrakkomanda li l-post ma jkunx vakant specjalment meta persuna tkun indisposta fuq mard. Il-kelliema rrimarkat li s'issa diga saru 16 il-laqgha f'anqas minn 4 xhur meta f'Kunsilli ohra ssir laqgha wahda fix-xahar, jigifieri 12 il-laqgha fis-sena.

**46/2719/12/I** 05/04/2012 Email minghand Baystreet Hotel fejn baghtu Set Menu ghal-lunch ghal Jum l-Omm nhar il-11 ta' Mejju 2012 ghall-prezz ta' €14 inkluz il-VAT il-persuna.

14.51. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2719/12/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li l-Kunsill jaccetta din l-istima biex issir l-attivita' ta' Jum l-Omm nhar il-Gimgha 11 ta' Mejju 2012.

14.52. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

14.53. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2763/12/I** 09/04/2012 Rapport li gie ppubblikat fuq il-gurnali dwar tibdil li Arriva Malta ser taghmel f'diversi rotot madwar Malta.

14.54. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2763/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li t-talba tal-Kunsill biex ir-rotta 13 tghaddi minn Triq Gabriele Henin (ir-rotta l-antika) u ghal San Patrizju ma gietx milqugha. Ghaldaqstant il-kelliem ippropona li l-Kunsill jerga' jikteb lil TM rigward dan u tintbaghat cirkulari lir-residenti kollha tal-lokal.

14.55. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat u ziedet li l-Kunsill ghandu jerga' jitlob laqgha ma' TM.

14.56. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2772/12/I** 09/04/2012 Zewg Kwotazzjonijiet differenti ghall-konferenza ta' l-ECAD gewwa Killarney minghand l-Untours, bejn it-8 u 12 ta' Mejju ghall-prezz ta' €710 jew €850.

**46/2775/12/I** 09/04/2012 Kwotazzjoni minghand Hamilton Travel bejn it-8 u 12 ta' Mejju ghall-konferenza ta' l-ECAD gewwa Killarney ghall-prezz ta' €290 ghal Malta-Dublin, Dublin-Kerry u lura fejn hemm il-bzonn ta' lejl f'Dublin li mhux inkluz fil-prezz.

**46/2812/12/I** 10/04/2012 Kwotazzjoni minghand l-Alpine Travel ghal Kerry bejn is-7 u t-12 ta' Mejju ghall-prezz ta' €321.19.

14.57. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/2772/12/I, 46/2775/12/I u 46/2812/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-ordni ghall-biljett saret il-Gimgha filghodu filwaqt li l-biljett inhareg is-Sibt filghodu. Il-kelliem qal li sadanittant qam il-kaz tal-Vici Sindku u biex isiefer fuq xoghol tal-Kunsill irid isir rikors personalment minnaha tal-Vici Sindku. Il-kelliem fakkar lill-Kunsill li fil-laqgha 11/K6/2012 – 12.109, il-Kunsill kien diga approva li jinxtraw il-biljetti, izda minhabba li kien ghadda z-zmien kellhom jergghu jingabru stimi godda. Fid-dawl ta' dan il-kelliem approva li l-Kunsill japprova n-nefqa minghand Alpine Travel minhabba li l-prezz u l-kundizzjonijiet huma l-aktar vantagguzi.

14.58. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

14.59. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutat kontra.

14.60. Il-mozzjoni ghaddiet.

**46/2812/12/I** 10/04/2012 Kwotazzjoni minghand l-Alpine Travel ghal Alicante bejn it-8 u it-12 ta' Mejju ghall-prezz ta' €299.88 ghal kull persuna.

**46/2779/12/I** 09/04/2012 Email minghand Hamilton Travel fejn informat lill-Kunsill li ma tistax issib flights ghal Alicante u li sabet huwa Vueling flight sa Madrid ghall-prezz ta' €110 imbghad jistghu jaqbdu train minn Madrid ghal Alicante.

**46/2906/12/I** 13/04/2012 Email minghand Vjaggi Untours ghall-prezz ta' €500 ghal titjira bejn Malta u Alicante bil-format ta' biljett wiehed u dan vis-à-vis il-progett ta' l-OSDDT.

**46/3016/12/I** 17/04/2012 Diversi stimi minghand il-kumpanija E-Dreams ghall-titjira bejn Malta u Alicante bil-format ta' biljett wiehed u dan vis-à-vis il-progett ta' l-OSDDT, bl-irhas biljett ikun €1,304.48.

14.61. B'riferenza ghall-korrispondenza numri **46/2812/12/I, 46/2779/12/I, 46/2906/12/I u 46/3016/12/I** is-Sindku Joe Zammit fakkar lill-Kunsill li fil-laqgha 11/K6/2012 – 12.113, il-Kunsill kien diga approva li jinxtraw il-biljetti, izda minhabba li kien ghadda z-zmien kellhom jergghu jingabru stimi godda. Fid-dawl ta' dan il-kelliem approva li l-Kunsill japprova n-nefqa minghand Alpine Travel minhabba li l-prezz u l-kundizzjonijiet huma l-aktar vantagguzi. Il-kelliem irrimarka li l-offerta ta' Hamilton Travel ma twassalx sa l-ajruport ta' Alicante li jinsab madwar 5 sieghat train il-boghod minn Madrid.

14.62. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

14.63. Il-mozzjoni ghaddiet ghall-vot fejn is-Sindku Joe Zammit u l-Kunsillier Joe Brincat ivvutaw favur filwaqt li l-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ivvutat kontra.

14.64. Il-mozzjoni ghaddiet.

**46/2801/12/I** 10/04/2012 Email minghand il-Contacts Manager fejn baghat il-performance report ghax-xahar t'April fuq it-tender tal-knis.

14.65. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2801/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2813/12/O** 10/04/2012 Email lil Zum Coop Ltd. dwar diversi emails ohra li ntbghatu fil-gimghat ta' qabel dwar affarijiet pendenti fuq il-MEDSTRATEGY u l-OSDDT.

14.66. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2813/12/O** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2819/12/I** 10/04/2012 Draft Management Letter ta' l-Udituri ghas-sena finanzjarja 2011.

14.67. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2819/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/2832/12/I** 11/04/2012 Memo 17/2012 mibghuta mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali - Skema EGOV4U ghall-Kunsilli Lokali.

14.68. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2832/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li l-applikazzjoni li kien ghamel il-Kunsill fil-passat ma kienetx giet milqugha.

**46/2850/12/I** 11/04/2012 Email minghand il-Bord tal-Governanza fejn b'riferenza ghall-email li baghat il-Kunsill informa lill-Kunsill li waqt d-diskussjoni mas-sur Mazzitelli huwa qal li l-Kunsill approva xoghlijiet matul iz-zmien anke f'binjiet ohra tal-Gvern u mhux Juno Flats biss u ghalhekk il-bord talab biex jipprovdi dokumentazzjoni ta’ dan.

**46/2876/12/O** 12/04/2012 Email li l-Kunsill baghat lill-Bord ta’ Governanza fejn b'riferenza ghall-email taghhom gew infurmata li l-Kunsill m’ghamel ebda xoghol fi blokki tal-Gvern hlief dak ta’ upgrading taz-zoni fuq barra u gew mitluba biex jekk jixtiequ aktar informazzjoni ghandhom jikkomunikaw direttament mal-Vici Sindku.

14.69. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2850/12/I u 46/2876/12/O** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li s-Segretarju Ezekuttiv diga kiteb lill-Bord ta’ Governanza fejn spjegalhom li x-xoghlijiet li saru, saru fuq barra mad-diversi blokki tal-housing f’Pembroke, liema xoghol kien jikkonsisti f’upgrades fuq il-parti pubblika fuq barra u mal-madwar u mhux fuq gewwa tal-Blokki.

**46/2854/12/I** 11/04/2012 Email minghand l-Alfa fejn b'riferenza ghall-ittra li baghat il-Kunsill dwar l-EcoTax informa lill-Kunsill li mhux imnizzla fil-kwotazzjoni minhabba li hija taxxa tal-gvern.

14.70. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2854/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera. Il-kelliem irrimarka li s-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg kien diga wiegeb lill-kumpanija.

14.71. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg staqsa lill-Kunsill x’pozizzjoni ser jiehu l-Kunsill.

14.72. Is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill jiehu parir legali minghand l-Avukat tal-Kunsill.

14.73. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

14.74. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2855/12/I** 11/04/2012 Email minghand il-Kunsill taz-Zghazagh fejn talbu l-permess tal-Kunsill sabiex jorganizzaw attivita' ta' DVD night fis-sala tal-Kunsill nhar il-Gimgha 20 ta’ April bejn it-8.00pm u l-11.00pm.

14.75. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2855/12/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet biex il-Kunsill japprova t-talba tal-Kunsill taz-Zghazagh.

14.76. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

14.77. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2856/12/I** 11/04/2012 Email minghand Carob Fitness fejn b'riferenza ghal-laqgha li saret mieghu rigward il-kors ta’ ‘Stop Smoking’ informa lill-Kunsill li l-kors huwa maqsum f'jumejn ta' 6 sieghat b'kollox u l-prezz huwa ta' €90.

14.78. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2856/12/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet biex il-Kunsill jorganizza dan il-kors.

14.79. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

14.80. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2867/12/I** 12/04/2012 Email minghad is-sur Ian Smith li qed jikteb f'isem Elitennis fejn b'riferenza ghall-komunikat li kellu mas-Sindku talab laqgha mal-Kunsill minhabba li jixtiequ jikru t-tennis court li hemm quddiem l-Australia Hall bi hlas fis-sena u lesti wkoll joffru t-taghlim ta' tennis lill-komunita' tal-lokal.

14.81. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2867/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona li l-Kunsill ma jistax jilqa' t-talba taghhom minhabba li s-sit huwa pubbliku.

14.82. Il-Kunsillier Joe Brincat issekonda.

14.83. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2868/12/I** 12/04/2012 Email minghand il-MEDSTRATEGY jitolbu lill-Kunsill sabiex jissottometti r-rapport ta' hidma ghall-perjodu Settembru 2011 – Frar 2012 inkluz l-evalwazzjoni tax-xoghol li sar s'issa.

14.84. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2868/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li s-Segretarju Ezekuttiv kien informa lis-Sur Lawrence Attard taz-Zum Coop Ltd. biex jaghmel dan ir-rapport fil-hin mitlub.

**46/2869/12/I** 12/04/2012 Email minghand l-OSDDT jitolbu li jkunu validati t-talbiet li l-Kunsill ghandu pendenti fuq il-Presage.

14.85. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2869/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li s-Segretarju Ezekuttiv kien informa lis-Sur Lawrence Attard taz-Zum Coop Ltd. biex jaghmel dan ir-rapport fil-hin mitlub.

**46/2873/12/I** 12/04/2012 Email mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali fejn baghtu kjarifika fuq Skeda C ta' L.S 441.04 (Regolamenti dwar attivitajiet li jehtiegu permess mill-Kunsilli Lokali) - Permess numru 6 Twaqqif ta' xi posta jew kiosk.

14.86. B'riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2873/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li f'din il-kjarifika hemm indikat li l-permessi ghall-attivita' temporanja tkun ta' 3 t'ijiem.

14.87. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ghamel riferenza ghal-Memo 10/2012 mahruga mid-DGL (46/1142/12/I) artiklu 4 fejn hemm indikat li ghandu jkun indikat b'dati stipulati u l-allokazzjoni (posta) fejn ghandu jarma l-bejjiegh, fejn staqsa lill-Kunsill jekk hijiex ser tigi mmarkata l-posta tal-Buon Apetit Kiosk.

14.88. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li ghandha tigi mmarkata l-posta.

14.89. Is-Sindku Joe Zammit issekonda u zied li ghandhom jitqabdu l-Koptasin biex isir dan ix-xoghol.

14.90. Il-Kunsill qabel unanimament.

14.91. Il-Kunsillier Joe Brincat staqsa lis-Sindku Joe Zammit jekk dan iffisirx li jekk ikun hemm vettura pparkjata fuq il-posta li ser tigi mmarkata, sid il-Buon Apetit Kiosk ghandux dritt li jitlob li din tigi mnehhija mill-Pulizija.

14.92. Is-Sindku Joe Zammit wiegeb li huwa jahseb li l-Pulizija ma tkunx tista' tiehu passi.

**46/2897/12/I** 13/04/2012 Risposta minghand is-Sindku Joe Zammit jindika li hemm bzonn ta' patching fi Triq Martin Luther King fl-akwati ta' l-ITS, Triq Sir Adrian Dingli, it-Triq li taghti ghall-impjant tal-WSC RO, Triq Salvatore Castaldi u madwar Juno Flats.

14.93. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2897/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li max-xoghol li rrimarkaw huwa u l-Vici Sindku Alfred Mazzitelli, skond il-Kunsillier Joe Brincat hemm bzonn ukoll li jsir patching fiz-zona ta’ St. Patricks.

14.94. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li x-xoghol ta’ patching, jekk mhux urgenti u ta’ periklu, ghandu jsir wara l’issir l-applikazzjoni tal-PPP.

14.95. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

14.96. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2900/12/I** 13/04/2012 Email minghand il-MEDSTRATEGY jinfurmaw lill-Kunsill li ghadhom qed jistennew risposti ghall-bdil fil-Budget u l-estenzjoni tal-progett, liema xoghol kellu jkun konkluz sa qabel il-Gimgha 13 ta’ April 2012.

14.97. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2900/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li s-Segretarju Ezekuttiv kien informa lis-Sur Lawrence Attard taz-Zum Coop Ltd. biex jaghmel dan ir-rapport fil-hin mitlub.

**46/2928/12/I** 14/04/2012 Kopja ta’ petizzjoni li ntbaghtet lil Transport Malta minn diversi persuni, fejn talbu li jinghataw permess biex ikunu jistghu jidhlu fi Triq Madre Margherita de Brincat u Triq il-Kurunell Lorenzo Manche’ waqt il-hinijiet li dawn it-toroq ikunu maghluqa ghat-traffiku minhabba t-tfal ta’ l-iskola.

14.98. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2928/12/I** is-Sindku Joe Zammit ippropona biex il-Kunsill jerga’ jitlob ghan-nom ta’ dawn ir-residenti, bhal ma talab fl-imghoddi, biex jinghataw il-permess li jghaddu bhal ma jghaddu wara kollox il-coaches u l-mini buses. Il-kelliem ippropona li r-residenti koncernata jigu nfurmata b’dan.

14.99. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

14.100. Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/2931/12/I** 14/04/2012 Ilment minghand is-sur Konrad Farrugia dwar telqa u hmieg li hemm fl-akwati ta’ Sit F.

14.101. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/2931/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/3062/12/I** 18/04/2012 Email minghand id-Dipartiment ghall-Gvern Lokali jinforma lill-Kunsill li gew infurmata mill-Pulizija ta’ San Giljan, li l-Pulizija nhar is-Sibt 14 ta’ April kienu ressqu lill-Vici Sindku Alfred Mazzitelli l-Qorti b’arrest kif ukoll li huwa ghandu numru ta’ kundizzjonijiet marbuta ma’ plegg imposta mill-Qorti.

14.102. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3062/12/I** is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li din kienet ghall-attenzjoni tal-Kunsilliera.

**46/3058/12/I** 18/04/2012 Email minghand id-DGL jinforma lill-Kunsill li biex il-Kunsill jippartecipa fl-iskema PPP, il-Kunsill irid jerga’ japplika fejn tintbaghat stima tal-Perit, jekk tkun approvata l-Kunsill ikun marbut li johrog tender gdid kif ukoll li l-accountant tal-Kunsill ikun mitlub li jipprovdi lid-Dipartiment certifikat li l-finanzi tal-Kunsill jifilhu ghall-ispiza li tkun ser issir. Id-DLG nforma lill-Kunsill li filwaqt li x-xoghol jista’ jinkludi xoghol tal-WSC, fl-istess hin l-iskema ma tkoprix spejjez konnessi mal-bankini.

14.103. B’riferenza ghall-korrispondenza numru **46/3058/12/I** il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet biex il-Kunsill jaghmel il-process mitlub.

14.104. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

14.105. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 15. Kumitati Kongunti ta' l-LES u n-NHDJC.

15.01. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li ma kien hemm ebda punti godda.

## 16. Attivitajiet Kulturali, Edukattivi u Socjali.

16.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg fakkar lill-Kunsill li kien wasal iz-zmien li l-Kunsill jibda jahseb fuq il-preparamenti ghal Jum Pembroke 2012.

16.02. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet li sal-laqgha li jmiss, kull min huwa nteressat, ghandu jressaq lill-Kunsill is-suggerimenti tieghu biex jigu diskussa l-programm t'attivitajiet. Il-kelliema rrimarkat li m'ghandhomx isiru bassezzi bhal ma sar is-sena li ghaddiet fejn hija u l-Kunsillier Lauro Fava, Kunsilliera li jirrapprezentaw lill-PN gew injorati mill-membri eletti tal-Kunsill minhabba li kienu f'minoranza. Il-kelliema qalet li l-Bord ta' Governanza ghandu jiehu nota ta' dan.

16.03. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

16.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 18. Kwotazzjoni 30/2011 u 05 sa 17/2012.

18.01. Is-Sindku Joe Zammit informa lill-Kunsill li dan is-suggett ghandu jithalla ghal darb' ohra u l-kwotazzjonijiet li ghalqu nhar it-Tnejn 16 ta' April 2012 ghandhom jinfethu darb'ohra.

## 19. Approvazzjoni tal-kontijiet.

19.01. Is-Sindku Joe Zammit ressaq skeda ta' pagamenti ghad-diskussjoni. **(Ara dok. P, Q u R)**

19.02. Is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kifipprezentati ghajr il-kontijiet tal-J&K Contractors Ltd. minhabba li ghadhom ma gewx iccertifikati mill-Perit tal-Kunsill.

19.03. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

19.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 20. Materji ohra.

20.01. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet biex il-Kunsill jaddotta policy ta' kriterja ta' kif ghandhom jigu aggudikata t-tenders u l-kwotazzjonijiet fosthom dik li min jitfa' l-offerti u l-haddiema li ser jahdmu ghandhom jipprovdu kopja tal-kondotta tal-Pulizija.

20.02. Is-Sindku Joe Zammit issekonda u zied li dawn ghandhom jigu diskussa u deciza fil-laqgha li jmiss.

20.03. Il-Kunsill qabel unanimament.

20.04. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ipproponiet biex issir talba lill-Kumitat Regjonali Tramuntana halli ssir sorveljanza mill-Green Wardens fil-picnic areas.

20.05. Is-Sindku Joe Zammit issekonda.

20.06. Il-Kunsill qabel unanimament.

20.07. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ilmentat li l-Contracts Manager qed jimxi differenti kif jitratta lill-kuntrattur il-gdid Absolute Cleaners Ltd. vis-a-vis kif kien u ghadu qed jitratta lill-kuntrattur Shawn Farrugia. Il-kelliema irrimarkat li fil-jiem li ghaddew hija kienet irceviet ilment li l-kuntrattur Absolute Cleaners Ltd. fil-jiem li ghaddew, waqt li kien qed jaghmel xoghol fid-dahla tal-lokal, kellu jahdem mieghu tifel. Il-kelliema lmentat ukoll li fl-akwati ta' Misrah il-Fortizza ix-xoghol ghadu qatt ma sar.

20.08. Fid-dawl ta' dan il-Kunsillier Joe Brincat ippropona li l-Kunsill jitlob laqgha mal-Contracts Manager dwar ix-xoghol tal-kuntrattur Absolute Cleaners Ltd.

20.09. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

20.10. Il-Kunsill qabel unanimament.

20.11. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat infurmat lill-Kunsill li fil-laqgha li jmiss ser tressaq mozzjoni biex il-Kunsill jerga' jibda jippubblika l-magazine tal-Kunsill u li ser tkun qed tipproponi li hija ghandha tkun l-Editur ta' din il-pubblikazzjoni.

20.12. Il-Kunsillier Joe Brincat staqsa x'risposta u azzjoni kien hemm rigward il-coaches mitluqa fil-Park and Ride.

20.13. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li minn informazzjoni mhux ufficjali li ghandu jidher li l-kaz qed jigi mistharreg minn TM.

20.14. Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsill li rcieva diversi lmenti verbali minghand il-hwienet ta' Triq Sant'Andrija fejn qed jirrakomandaw lill-Kunsill biex il-parkegg li hemm tul Triq Arnhem jigi bil-hinijiet biex jaqdi lil dawk li juzaw is-servizz tal-hwienet.

20.15. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat irrimarkat li din it-talba m'hijiex ghaqlija ghal-lokal minhabba li l-ewwel preferenza hija li ma jkunx hemm inkonvenjent ghar-residenti u ghalhekk il-parkegg ghandu jibqa' liberu kull hin minghajr ebda restrizzjonijiet.

20.16. Is-Sindku Joe Zammit ghalaq il-laqgha fl-10.00pm, wara li nfurmhom li l-laqgha li jmiss ser tkun skedata ghal nhar l-Erbgha 16 ta' Mejju 2012 fil-5.30pm.

| Joe Zammit | Kevin Borg |
|---|---|
| ***Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |